2 ta' April, 1951

*Imħallfin :*

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Victor Savona pr. et. ne. *versus* Dr. Peter Asphar et.**

## Danni — Tabib — Responsabilità tal-Professjonista — Art. 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili.

*Kull persuna għandha tirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha; u jitqies li hu fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u attenzjoni ta' "bonus pater familias". Imma fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi ħadd ma jirrispondi għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' diliġenza, attenzjoni jew prudenza ta' grad akbar.*

*F'każi dwar riżarċiment ta' danni, min jallega li sofra l-ħsara għandu l-obligu li jipprova l-fatt jew l-omissjoni li juru l-ħtija ta' min ikun azzjonat għal dawk id-danni.*

*Il-professjonista ma hux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokkè dan l-iżball ma jkunx grossolan, u ammenokkè l-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias".*

*It-tabib li jopera pazjent kirurġikament għandu juża d-diliġenza meħtieġa mhux biss fil-waqt ta' l-operazzjoni, imma anki fl-iżvilupp tagħha posterjuri. Jekk wara l-operazzjoni t-tabib ma jżommx lil dak il-pazjent operat kontinwament taħt għajnejh, huwa jonqos minn dik id-diliġenza, u jirrendi ruħu responsabbli għad-danni li dak in-nuqqas jista' jikkaġuna.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li bih l-attur, rappreżentant leġittimu ta' ibnu Victor, u anki f'ismu proprju, talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu nomine et proprio d-danni kollha li sofra, billi btija ta' l-istess konvenut l-imsemmi tifel tiegħu, li kien taħt il-kura tal-konvenut, tilef riġlu u baqa' permanentement debilitat, f'dak l-ammont li jiġi likwidat; b'riżerva ta' drittijiet oħra; bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru, elevazzjoni u impediment tal-partenza tad-9 ta' Awissu 1944;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fejn issottometta illi l-kura u l-intervent operatorju illi huwa għamel biex ifejjaq lill-imsemmi Victor Savona mill-konsegwenzi tal-paralisi infantili saru skond id-dettami tax-xjenza medika u rnexxew kompletament; u ta' dak li ġara fid-dekors tal-kura l-ħtija mhix tiegħu, imma ta' min l-imsemmi Victor Savona kien fil-kura tagħhom;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 1949, li biha l-konvenut ġie dikjarat responsabbli għad-danni reklamati biċ-ċitazzjoni, u rriżervat li tipprovdi fuq it-talba għal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni wara u jekk dik is-sentenza tgħaddi in ġudikat; spejjeż riżervati; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma fil-qosor dawn :—

Fit-18 ta' Marzu 1944 il-konvenut għamel operazzjoni fuq is-sieq il-leminija ta' l-imsemmi Victor Savona; liema sieq kienet paralizzata in konsegwenza ta' infezzjoni poliomelitika anterjuri, ċjoè paralisi infantili akuta..........;

Proprjament, fid-data fuq imsemmija l-konvenut għamel żewġ operazzjonijiet fuq l-imsemmija sieq ta' Victor Savona waħda fuq is-sieq proprija..........;

*Omissis;*

Ma kien hemm l-ebda inċident, la fl-ewwel u lanqas fit-tieni operazzjoni;

L-għada, 19 ta' Marzu 1944, il-konvenut mar jara l-pazjent, u fix-xhieda tiegħu ddikjara li sab kollox sewwa u normali...........;

Fil-25 ta' Marzu 1944 omm it-tifel reġgħet marret għand il-konvenut, u rriferietlu li fil-parti mikxufa ta' wieħed mis-swaba' kien hemm nuffata. Non ostanti li semmietlu dik in-nuffata, huwa ma marx jara lit-tifel;

*Omissis;*

Mis-26 ta' Marzu 1944 'il quddiem omm it-tifel bdiet tieħu kuljum it-tifel għand il-konvenut, u dana baqa' jimmedikah regolarment sa Awissu ta' l-istess sena, meta sieq it-tifel, gangrenata u mmummifikata, waqgħet spontaneament fil-waqt li l-Professur Pietro Paolo Debono, lejn min il-familja kienet rrikorriet għal pariri, kien qiegħed jikxifha;

Il-periti fiżiċi waslu għall-konklużjoni li l-proċess gangrenus beda sa mill-ewwel granet ta' wara l-operazzjoni u kompla l-kors tiegħu naturali sa l-amputazzjoni spontanea tas-sieq li ssuċċediet f'Awissu, ċjoè erba' xhur wara;

*Omissis;*

Peress li l-fatti wrew li ġà mill-21 ta' Marzu 1944—mill-ewwel żewġ viżiti tal-konvenut, qalu l-periti, u t-tieni viżita saret appuntu fil-21 ta' Marzu—kien hemm il-bidu tal-proċess gangrenus; u billi l-konvenut xehed li sa allura ma sab xejn mhux f'loku, jew anormali fil-parti operata, il-periti fiżiċi ħassew li l-konvenut ma għarafx jinterpreta eżattament il-fatti u ma għarafx jivvaluta s-sinifikat kliniku ta' l-uġiegħ, ta' l-irrekwijetezza tat-tifel, u ta' dak il-kambjament ta' kulur u tan-nuffata...........; però f'dak l-iżball dijanjostiku tal-konvenut huma tawh il-benefiċċju tal-bwona fede, għar-raġuni li dehrilhom illi kieku huwa nduna bil-bidu tal-gangrena fit-tieni viżita tiegħu lill-pazjent, kienet tkun vera "mala praxis" kriminali li ma għaddiex li per li biex jipprova jirrimedja għas-sitwazzjoni, u jagħti biss l-ordni lill-omm biex tlita ijiem wara teħodulu biex jarah. Qalu li l-fatt li l-konvenut ma ndunax bir-realtà tal-kondizzjoni tas-sieq f'dawk l-ewwel granet ta' wara l-operazzjoni kien żball professjonali, żball ta'

ġudizzju, żball fl-interpretazzjoni ta' fatti kliniċi, u li dana l-iżball mhux dovut għal traskuraġni jew negliġenza;

Il-Qorti taqbel mal-periti li żball fl-interpretazzjoni ta' fatti kliniċi *ma għandux* jirrendi t-tabib jew kirurgu responsabbli għall-konsegwenzi tagħhom. Żbalji jistgħu jittieħdu, u fil-fatt *jittieħdu*; u kien ikun gwaj sewwa kieku l-professjonista kellu jirrispondi għal kull żball li jieħu l-għaliex ma jirnexxilux *jiġġudika* rettament; imma—u dana del resto ammettewh l-istess periti—għandha ssir distinzjoni bejn meta l-iżball jittieħed għal *raġunijiet* indipendenti mill-volontà u mill-aġir ta' min jieħdu u meta l-iżball jittieħed minħabba xi mankanza f'*min* jieħu dak l-iżball. F'dan l-aħħar każ, min jieħu l-iżball ikun in kolpa minħabba dik il-mankanza tiegħu, li *mingħajrha* x'aktarx l-iżball ma kienx jittieħed; u allura huwa jirrispondi għall-konsegwenzi ta' dak l-iżball li jkun ittieħed *minħabba* dik il-ħtija tiegħu. Jekk, per eżempju, tabib jew kirurgu jaqa' f'errur ta' ġudizzju u jiżbalja wara li jkun *eżamina* sewwa l-każ ta' quddiemu u jkun għamel il-possibili kollu biex jistudjah u jagħrfu, allura ċertament l-ebda *responsabilità* professjonali ma jista' jkollu għall-konsegwenzi; imma, għall-kuntrarju, jekk l-iżball jieħdu għaliex ma jkunx eżamina l-każ kif imissu, u l-eżami jsir b'negliġenza, allura huwa responsabbli għall-konsegwenzi ta' l-iżball tiegħu;

Evidentement, meta l-periti qalu li l-konvenut għandu *jiġi eżonerat minn* kull responsabilità għall-gangrena f'sieq Victor Savona, u għall-konsegwenzi tagħha, għaliex huwa kien "*in buona fede*", huma riedu jfissru illi l-iżball dijanjostiku tal-konvenut ma kienx dovut għal traskuraġni u negliġenza; *u dana jidher* ċar mill-fatt li aktar 'il quddiem huma spjegaw ruħhom aħjar u qalu ċar u tond illi l-iżball ma kienx dovut *għal negliġenza* jew traskuraġni; u difatti, kif hu ċar, il-bwona fede mhix biżżejjed biex tiskuża lil dak li jkun; anzi min ikun *in kolpa*, ammenokkè dina ma tkunx tant kbira u gravi li allura tiġi ekwiparata għad-dolo, ikun in bwona fede; jekk *ikun in mala fede*, allura mhux aktar in kolpa, imma addirittura "in dolo";

Il-Qorti *ma* taqbelx mal-periti li ma kienx hemm negliġenza u, jekk mhux traskuraġni, almenu imprudenza, da

parti tal-konvenut; għaliex il-fatti riżultati, eżaminati mhux iżolatament, imma magħqudin ilkoll flimkien, juru diversament. L-imprudenza l-istess periti ammettewha meta xehdu quddiem il-Qorti biex jispjegaw xi punti fir-relazzjoni tagħhom. Huma difatti qalu.........;

F'operazzjonijiet simili l-kirurgu għandu joqgħod wisq attent għan-nefħa fl-ewwel ġranet ta' wara l-operazzjoni, għaliex hija ħaġa li għandu jistenna, u kwindi għandu joqgħod wisq attent għaliha biex jevita l-gangrena li dik in-nefħa tista' tipproduċi minħabba l-konsegwenti strettezza u s-sikkar tal-faxxa ġessata. Intant il-konvenut ma marx jara l-pazjent il-pitgħada.......... Anki jekk hu veru li dak in-nhar, kif xehed hu, il-konvenut, huwa sab kollox normali u f'loku wara li eżamina l-partijiet operati, kien imissu żamm lill-pazjent kontinwament taħt għajnejh.......... Mir-rapport tal-periti fiżiċi jirriżulta li fil-bidu tal-gangrena l-kirurgu jista' jirmedja. Huma difatti kitbu fir-relazzjoni tagħhom (fol. 222)......;

Fit-21 ta' Marzu 1944, kif ġà fuq intqal, il-konvenut mar jara lit-tifel.......... Bil-fors illi l-eżami li dak in-nhar il-konvenut għamel ma kienx eżami komplet; għax evidentement, jekk ma kienx jinduna bil-bidu tal-gangrena, kien almenu jara l-probabilità tagħha u joqgħod attent biex jirrimedja, u mhux jonqos li jmur jara l-pazjent l-għada; u difatti, meta raħ il-pitgħada huwa qasam il-faxxa tal-ġibs għaliex kien hemm il-gangrena, kif issottomettew il-periti, għalkemm huwa fix-xhieda tiegħu qal li anki dak in-nhar sab kollox normali.......... Il-konvenut stqarr fid-depożizzjoni tiegħu (fol. 109) li dak in-nhar kien alterat u nkwetat.............; u dana x'aktarx jispjega għaliex l-eżami tal-pazjent ma għamlux kif kellu jagħmlu.......... In-negliġenza l-konvenut urieha wkoll fil-fatt illi f'dina l-ġurnata għall-ewwel irrifjuta li jmur jara t-tifel, u mar jarah wara l-insistenzi kbar li għamillu Mosè Micallef.......... u fil-fatt ġà fuq rikordat illi lanqas ma mar jarah l-għada, u lanqas ma mar jarah meta omm il-pazjent marret tgħidlu li kienet osservat nuffata.......... Li l-konvenut ma kienx juża l-attenzjoni li kien imissu juża jirriżulta anki minn diversi ċirkustanzi oħra li setgħu jiġu rikavati, kif ġà ntqal, mill-istess xhieda tiegħu;

Ga ladarba l-konvenut żbalja għaliex kien negliġenti fl-ewwel eżami tal-pazjent fiċ-ċrkustanza fuq indikata, u għaliex wera imprudenza meta ma żammx lill-pazjent kontinwament taħt għajnejh meta l-periklu tal-gangrena kien tant preżenti, il-konvenut kien in kolpa, u allura r-responsabilità tiegħu professjonali ma tistax tigi negata. F'każ pjù o meno simili, quddiem l-King's Bench Division fil-11 ta' April ta' din is-sena, riportat fil-British Medical Journal tal-14 ta' Mejju 1949, kirurgu li, wara li kien opera tarbija f'sebagħha ż-żgħir ta' l-id il-leminija, eżamina t-tarbija li kellha dak is-saba' minfuħ u mweġġa', u ma ħa l-ebda pass biex jirrimedja għall-istrettezza tal-faxxa, u ssopravveniet il-gangrena, ġie kundannat għad-danni, l-għaliex ġie ritenut illi dak l-eżami li għamel ma kienx komplet, u kwindi negliġenti;

Ċertament il-memorja tal-konvenut b'hekk ma ssofri xejn; għaliex ftit huma ċertament il-professjonisti — mhux biss tobba, imma professjonisti oħra — li qatt ma kienu negliġenti f'xi mument tal-ħajja professjonali difficili u fatikuża; in-negliġenza tal-konvenut f'dina l-okkażjoni kienet xi ħaġa li setgħet ġiet kommessa minn kull kirurgu ieħor. Dan il-każ, kif jirriżulta mil-kompless tal-provi, kien għall-konvenut ta' inkwiet u ta' dispjaċir kbir; u kif huwa induna bil-gangrena beda u kompla jikkura t-tifel regolarment biex jagħmel dak li seta' jagħmel; u dak biss seta' jagħmel, jiġifieri jillimita kemm jista' jkun il-proċess gangrenus, u bil-kura assidwa u l-kapaċità tiegħu irnexxielu; għaliex, kif ġà fuq ġie rilevat, l-amputazzjoni spontanea tas-sieq avverat ruħha fil-linea ta' demarkazzjoni li deħret mill-ewwel;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta Lily Asphar nomine, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li d-domandi ta' l-attur jiġu rigettati; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni miġjuba 'l quddiem bl-att taċ-ċitazzjoni hija bażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel wieħed jistabbilixxi l-prinċipju li kull persuna għandha tirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha; u t-tieni jiddisponi li jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma

jeżax il-prudenza, id-diliġenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias"; iżda f'difett ta' dispożizzjoni espressa fil-liġi, ħadd ma jirrispondi għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni fi grad akbar;

Mill-iżvolġiment tal-kawża, u partikolarment min-noti ta' l-attur u mid-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni, jidher ukoll li l-attur irid jibbaża d-domanda tiegħu fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 1081 ta' l-imsemmi Kodiċi, li jgħid:— "Kull min, mingħajr ma jkollu l-ħila meħtieġa, jindaħal għal xogħol jew servizz, huwa obligat għall-ħsara li minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu jkkaġuna lil ħadd ieħor";

Qabel ma ssir l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi għa'l-każ in eżami, għandu jiġi rilevat li f'kawżi għar-rizarċiment ta' ħsara, bħal ma hija din, l-attur li jallega li sofra l-ħsara bi ħtija tal-konvenut għandu l-obligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li juru dik il-ħtija tal-konvenut; billi, kif sostniet dina l-Qorti fit-23 ta' Novembru 1921, in re "Calafato vs. Grech", Kollez. Vol. XXIV, parte I, paġ. 893, "la colpa è una ipotesi giuridica e generica finchè sta nelle disposizioni della legge o sui trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili";

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni ta' l-attur hija li, personalment u f'isem ibnu minuri Victor, sofra ħsara billi l-imsemmi ibnu, li kien taħt il-kura tal-konvenut, tilef riġlu u baqa' permanentement debilitat minħabba l-ħtija ta' l-istess konvenut. Kontra dina l-pretensjoni l-konvenut wieġeb illi l-kura u l-intervent operatorju li huwa għamel biex ifejjaq lill-imsemmi Victor Savona mill konsegwenzi tal-parilisi infantili saru skond id-dettami tax-xjenza medika u mexxew kompletament, u ta' dak li ġara fid-dekors tal-kura, il-ħtija ma tistax tiġi attribwita lilu, imma lil dawk li kellhom il-kura tat-tifel;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma wieħed jasal biex jiffissa r-responsabilità tal-ħsara li rigward tagħha qiegħed isir reklam biċ-ċitazzjoni, hemm bżonn li tiġi eżaminata d-dottrina u l-ġurisprudenza fil-materja;

Igħid il-Giorgi (Delle Obbligazioni, Vol. V, par. 155, pag. 252) li :— "Non può annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioè che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacità di chi la esercita". U iżjed il quddiem :— "È scusabile soltanto quella fallibilità che è conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti";

Il-Cogliolo (Scritti varii di Diritto Privato, fil-monografija "Teoria delle Colpe", Vol. II, pag. 137) igħid hekk :— "Nelle professioni c'è tutto un campo insindacabile ed impunibile, ed è quello che il diritto inglese chiama 'errore di giudizio'. Il professionista, cioè, di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno risponde, se non è fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina";

Għalkemm "imperitia culpae adnumeratur", iżda jrid ikun pruvat b'mod soddisfaċenti li l-professjonista mhux biss ħa żball, ammenokkè dan ma jkunx grossolan, imma biex jasal għall-konklużjoni tiegħu ma wżax id-diliġenza li trid il-liġi (ara sentenza ta' dina l-Qorti tas-16 ta' Frar 1945, in re "Buttigieg vs. Hirst ne.", Kollez. Vol. XXXII — I — 163). L-istess prinċipju gie adottat minn dina l-Qorti fit-13 ta' Frar 1905, fil-kawża "Cremona vs. Cremona", u fil-21 ta' Jannar 1929, fil-kawża "Barbara vs. Notaro Vella" (Kollez. Vol. XXVII — I — 262), fejn jingħad li "è presupposto imprescindibile della responsabilità pei danni che chi ne è incolpato abbia agito dolosamente, o sia almeno in colpa. La colpa, come elemento per la rifazione dei danni, non si verifica nell'avvocato o altro consulente legale per ciò solo che il giudizio da lui espresso viene dal tribunale riconosciuto erroneo, ammenocchè l'errore non sia così manifesto da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacità";

Il-Laurent, fil-post fejn jittratta fuq "Le Professioni Liberali", u fil-kumment tiegħu għall-artikoli 1382 u 1383 tal-Kodiċi Civili Franċiż, korrispondenti għall-artikoli 1151 u 1152 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, u għall-artikoli 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili tagħna (Principj di Diritto Civile, Vol. XX, par. 516, pag. 422), fuq domanda safejn tasal ir-responsabilità tat-tabib, jirrispondi kif hawn taħt miġjub :— "Il magistrato ha una re-

gola sola, quella degli art. 1382 u 1383. Nella specie decisa dalla Corte di Bruxelles, l'attore venne ammesso a dar la prova che la perdita del braccio del figlioul suo doveva attribuirsi all'imprudenza ed alla negligenza del medico. Ciò significa che i medici vanno soggetti al diritto comune, e sono responsabili quando per effetto della loro colpa cagionano un danno. Il danno è sempre sventuratamente troppo certo in coteste deplorevoli controversie; quanto alla colpa, il tribunale dovrà apprezzarla. Trattasi di una quistione di fatto che sarebbe inutile tentar di risolvere in teoria. Nella causa, decisa dalla Cassazione, il procuratore generale Dupin disse a questo proposito :— 'Non è possibile determinare in modo generale il limite della responsabilità dei medici. Spetta al magistrato ravvisarla in ciascuna specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servirgli di guida, val dire che per aversi responsabilità professionale fa d'uopo che taluno abbia commesso una colpa, non usando la voluta vigilanza sopra sè medesimo o sui propri atti, o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia e al diritto tutto quanto loro appartiene' '';

Mid-dottrina u mill-ġurisprudenza fuq ċitati għandu jiġi ritenut li t-tabib mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokkè dana l-iżball ma jkunx grossolan, u ammenokkè l-ħsara ma tistax tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' ''bonus pater familias'';

Stabbiliti dawna l-prinċipji, li in bażi tagħhom għandu jiġi regolat il-każ in eżami, hemm bżonn li jiġi eżaminat u deċiż jekk il-permanenti debilitazzjoni msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni kienetx dovuta għal żball grossolan tal-konvenut appellant fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, jew għal imprudenza, negliġenza u diżattenzjoni tiegħu; billi fil-konkors ta' wieħed minn dawn il-każi huwa jkun tenut għad-danni reklamati;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata hemm riassunt ċatt tal-fatti li taw lok għal dina l-kawża, u li kellhom il-bidu tagħhom fiż-żewġ operazzjonijiet li l-konvenut Dottor Asphar għamel fuq it-tifel minuri ta' l-attur fit-18 ta' Marzu 1944, u ingħalqu bl-epilogu doloruż ta' meta, f'Awissu ta' wara, il-pala tas-sieq ta' dak *it-tifel* waqgħet spontaneament f'idejn il-Professur P.P. Debono waqt li kien qiegħed ineħħi l-faxxa minn dik is-sieq biex jagħmel l-*eżami tagħha*, billi l-ġenituri ta' dak it-tifel kienu ddeċidew li jaffidawh għall-kura tiegħu wara li rrinunzjaw għal dik tal-konvenut. Dawk l-operazzjonijiet, kif ġie ammess mill-istess Dottor Asphar (fol. 182), kienu ta' entità importanti, u klassifikati bħala "Chirurgia Major", u bħala tali kienu *jirrikjedu* mill-kirurgu attenzjoni speċjali mhux biss waqt l-operazzjoni, imma anki fl-iżviluppi ta' wara;

Gara infatti, skond ma qalu l-periti tekniċi fir-rapport tagħhom, li l-gangrena bdiet u kompliet sa mill-ewwel ġranet ta' wara l-operazzjoni, u li kull ma ġara lit-tifel ta' l-attur kien il-konsegwenza ta' dik il-gangrena, li għaliha kien ikun hemm rimedju kieku wieħed ittenda biha fil-bidu. L-istess periti waslu *għall-konklużjoni li dik il-gangrena kienet ta' natura mekkanika*, u kawżata mill-kompressjoni tal-faxxa tal-ġibs, li ostakolat *vitalment in-nutrizzjoni* sangwinja fis-sieq. Komplew jgħidu l-periti li wieħed għandu jistenna, billi din hija r-regola, li wara operazzjoni simili s-sieq tintefaħ, u minħabba din in-nefħa l-faxxa tal-ġibs issir dejqa u tant issikkata li tiġi kompromessa u ostakolata ċ-ċirkolazzjoni tal-parti *operata*. Ammettew li l-*konvenut ma ndunax bil-kondizzjoni tas-sieq f'dawk* l-ewwel ġranet ta' wara l-operazzjoni; iżda qalu li dan kien *dovut għal żball professjonali*, żball ta' ġudizzju, żball fl-interpretazzjoni ta' fatti kliniċi, li ma kienx dovut għal traskuraġini jew negliġenza *ta' Dottor Asphar*;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġà ngħad, l-operazzjoni saret *fit-18 ta'* Marzu 1944, u l-għada (*19 ta'* Marzu), *il-konvenut mar jara* lill-pazjent u sab li kien miexi tajjeb. Huwa naqas li jmur jarah il-ġurnata *ta' wara (20 ta'* Marzu), u fil-21 ta' Marzu, filgħaxija, mar jivviżitah fuq insistenzi tax-xbud Mosè Micallef billi t-tifel kien muġugħ. *F'dina* l-okkażjoni sab lit-tifel jaħraq u aħmar f'wiċċu, u meta ra hekk allarma ruħu. Reġa' fit-22 ta' Mar-

zu ma marx jara lit-tifel, u l-għada (23 ta' Marzu), omm dak it-tifel ħaditu fid-dar tal-konvenut biex jivviżitah, u f'din l-okkażjoni l-konvenut qasam il-faxxa u kixef il-kamp operatorju tas-sieq; u wara li għamel medikatura għamel faxxa fuq kollox;

Skond l-opinjoni tal-periti fiżiċi, il-gangrena bdiet bejn l-għada u l-pitgħada ta' l-operazzjoni, jiġifieri bejn id-19 u l-20 ta' Marzu 1944, u jeskludu li setgħet bdiet wara t-23 ta' Marzu, billi f'din il-ġurnata l-konvenut qasam il-faxxa tal-ġibs u ġiet rimossa l-kawża li pprovokat dik il-gangrena. Il-perijodu kritiku kien, għalhekk, dak bejn id-19 u t-23 ta' Marzu, u matul dana l-perijodu l-konvenut naqas li jmur jivviżita l-pazjent fl-20 u fit-22 ta' Marzu, u kien biss wara l-insistenzi ta' Mosè Micallef li mar jarah fil-21 ta' Marzu, għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. Fix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti l-periti qalu (fol. 264 tergo) li l-prudenza kienet tissuġġerixxi li l-konvenut imur jara lit-tifel anki fl-20 tax-xahar; u komplew igħidu (fol. 265 tergo) li fl-intervall bejn it-Tnejn u l-Ħamis (20 sa 23 ta' Marzu) Dr. Asphar messu mar jara lit-tifel indipendentement minn kwalunke sintomatoloġija il t-tifel ipprezenta t-Tnejn (20 ta' Marzu), imma biss minħabba l-fatt li kien operah is-Sibt (18 ta' Marzu), data l'entità ta' l-operazzjoni. L-istess periti f'dik ix-xhieda (fol. 264 tergo) qalu wkoll li fl-intervall bejn it-Tnejn (20 ta' Marzu) u l-Ħamis (23 ta' Marzu), is-sintomi, speċjalment lokali, aggravaw ruħhom, u dan l-aggravament seta' ġiegħel lit-Tabib Asphar jinduna bil-proċess gangrenus kieku mar jara lit-tifel;

Ikkunsidrat;

Illi, minħabba l-fatti fuq rilevati, il-konklużjoni kontenuta fir-relazzjoni peritali, li ma kienx hemm traskuraġini jew negliġenza da parti tal-konvenut, ma hix aċċettabili; u dina l-Qorti taqbel ma' dik ta' l-ewwel istanza li huwa ma użax id-diliġenza ta' "bonus pater familias", u wera imprudenza billi ma żammx, kif messu, lill-pazjent kontinwament taħt għajnejh fil-ġranet ta' wara l-operazzjoni, meta l-perikolu tal-gangrena kien tant preżenti, u bl-attenzjoni tal-konvenut seta' jiġi skonġurat. Huwa għalhekk kien "in colpa", u għandu jirrispondi ta' dak li ġara;

*Omissis;*

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-31 ta' Ottubru 1949; bl-ispejjeż kontra l-appellanti Lily Asphar nomine.